IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2022
COM(2022) 79 final

ANNEX

ANNESS

ta' [...]

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, rigward l-emenda għall-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE

(Parteċipazzjoni tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fil-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli)

ANNESS

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) u l-Protokoll 37 (li jinkludi l-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji[1] irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088[2] irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(3) Għalhekk, l-Anness IX u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiddaħħal wara l-punt 31nb (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1851) tal-Anness IX tal-Ftehim ŻEE:

"31o. **32019 R 2088**: Ir-Regolament (UE) 2019/2088 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1) kif emendat bi:

- 32020 R 0852: Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, id-derogi stabbiliti fl-Artikoli 4(3) u (4) għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' [din id-deċiżjoni] jew data ddeterminata skont il-liġi nazzjonali mhux aktar tard minn 12-il xahar wara.

(b) Fl-Artikolu 20, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(a) fit-tieni paragrafu, il-kliem 'mill-10 ta' Marzu 2021' għandu jinqara 'mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta' [din id-deċiżjoni] jew data ddeterminata skont il-liġi nazzjonali mhux aktar tard minn 12-il xahar wara';

[1] ĠU L 317, 9.12.2019, p. 1.
[2] ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13.

(b) fit-tielet paragrafu, il-kliem ‘mill-1 ta’ Jannar 2022’ għandu jinqara ‘mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta’ [din id-deċiżjoni] jew data ddeterminata skont il-liġi nazzjonali mhux aktar tard minn 12-il xahar wara’.

31p. 32020 R 0852: Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta’ qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Fl-Artikolu 13(1)(d), il-kliem ‘fil-liġi tal-Unjoni’ għandu jiġi sostitwit bil-kliem ‘fil-Ftehim ŻEE’.

(b) Fl-Artikolu 27(2), fir-rigward tal-Istati tal-EFTA, il-kliem ‘mill-1 ta’ Jannar 2022’ għandu jinqara ‘mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru …/… ta’ [din id-deċiżjoni] jew data ddeterminata skont il-liġi nazzjonali mhux aktar tard minn 12-il xahar wara’.”

Artikolu 2

Il-punt li ġej jiddaħħal fil-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE:

“43. Il-Grupp ta’ Esperti tal-Istati Membri dwar il-Finanzi Sostenibbli (ir-Regolament (UE) 2020/852).”

Artikolu 3

It-testi tar-Regolamenti (UE) 2019/2088 u (UE) 2020/852 bil-lingwa Iżlandiża u b’dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, […].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
[…]

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Hemm indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Is-Segretarji
Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
[…]